

It-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2006

- ix-xiri ta' art, sakemm:
 - ix-xiri jikkontribwixxi għall-manteniment jew restawr ta' l-integrità ta' xi sit ta' Natura 2000,
 - ix-xiri ta' art ikun l-uniku jew l-aktar mezz effettiv sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ta' konservazzjoni,
 - l-art mixtrija tkun riżervata għal perjodu fit-tul għal użi konsistenti ma' l-oġġetti disposti fl-Artikolu 4(2), u
 - l-Istat Membru konċernat għandu, permezz ta' trasferiment jew b'xi mod ieħor, jiżgura r-riżerva ta' tali art għall-perjodu fit-tul għal skopijiet ta' konservazzjoni tan-**natura**.

P6_TA(2006)0432

Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (6233/2/2006 — C6-0271/2006 — 2004/0151(COD))

(Proċedura ta' kodeċizzjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (6233/2/2006 — C6-0271/2006),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari⁽¹⁾ dwar il-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0470)⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0337/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi Adottati 25.10.2005, P6_TA(2005)0398.

⁽²⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.